MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 327/2009

**MediaToday Company Ltd (C 30987)**

**Vs**

**Simon Estates (Naxxar) Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ €11,059.70 (hdax-il elf u disgha u hamsin ewro u sebghin centezmu) u dan kif jirrizulta mill-*statement of account* anness mal-avviz bhala Dok MT1 rapprezentanti diversi servizzi ta’ reklamar ippubblkati fil-gazzetti taghha fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali annessa mal-avviz bhala Dok MT2, u bis-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-annessi dokumenti msemmjiin fl-istess avviz a fol 2 sa fol 5 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 12, fol 13, fol 14, fol 15, fol 19 kif ukoll dak verbalizzat waqt is-seduta tallum stess.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti tal-kawza specjalment l-imsemmija verbali ta' seduti:-

a) Is-socjeta' konvenuta, bl-ebda mod, ma kkontestat it-talba tas-socjeta' attrici.
b) L-istess socjeta' konvenuta, fil-mori tal-kawza, kienet bdiet thallas l-ammont mitlub sakemm dan nizel ghal €5559.70. Pero, kif jidher a fol 19 tal-atti, is-socjeta' konvenuta waqfet milli tkompli thallas skond transazzjoni li ntlahqet bejn l-istess partijiet.
c) Skond kif xehdet illum stess, taht gurament, l-Avukat Dottor Charmaine Galea ikkonfermat li dan il-bilanc ghadu dovut sallum.
d) In rigward l-imghaxijiet ta' natura kummercjali, il-Qorti tara lid dawn ghandhom jigu kalkolati 'a scaletta' mid-19 ta' Novembru 2006, dejjem realttivament ghall-ammont kif ridott.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' €5559.70 bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Novembru 2006 'a scaletta' fuq l-ammont kif ridott sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha in rigward din il-procedura inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------